# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 5 ta' Frar, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 81/20TA**

**Joseph Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita numru 402874 (M) u martu Christine Azzopardi, detentriċi tal-karta tal-identita numru 0295374 (M)**

**vs**

**Simon Spencer, detentur tal-karta tal-identita numru 300798 (M), u martu Marisa Spencer, detenriċi tal-karta tal-identita numru 238580 (M)**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-rikors tas-17 ta' Jannar, 2020;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Jannar 2020;

Rat ir-risposta tal-intimati tas-27 ta' Jannar 2020;

Rat l-atti u d-`dokumenti kollha;

Rat il-fatti billi anke aċċediet fuq il-propjetajiet mertu ta' dawn il-proċeduri fil-presenza tal-partijiet u tal-avukati tagħhom;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn xogħolijiet ta' kostruzzjoni li ser isiru fl-arja tal-fond tal-intimati li jinsab sovrapost għal dak tar-rikorrenti. Skont ir-rikorrenti dawn ix-xogħolijiet ser ikunu qegħdin jippreġudikaw irrimedjabbilment id-drittijiet propjetarji tagħhom u liema xogħolijiet jirrigwarda minn gallariji u aperturi fil-faċċata peress li dawn ser ikunu qed jinvadu l-arja tal-parapett kif indikata f'dok B sa komunikazzjonijiet, tankijiet tal-ilma, twieqi u aperturi li ser jinfetħu għal fuq il-bitħa u shafts tal-fond tal-intimati.

Il-Qorti tagħmilha ċara li jkun xi jkun l-esitu ta' dawn il-proċeduri dan ma jnaqqas xejn mill-pretensjonijiet u difiżi rispettivi tal-partijiet inkwantu jirrigwarda l-azzjoni sostanzjali. Iżda din il-Qorti hija biss adita biex tara jekk *prima facie* r-rikorrenti għandhomx dritt li jititulaw il-pretensjonijiet tagħhom ai fini ta' dawn il-proċeduri biss. Tintlaqa' jew ma tintlaqax talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat jew intilef (ara **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti deċiża fil-31 ta'Jannar 2011 per Onor Imħallef J. Zammit McKeon**). Is-sustanza tal-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'dawn il-proċeduri għad trid tkun

ikkunsidrata *ad funditus* minn dik il-Qorti li ġiet adita biex tikkunsidra mertu propju.

Il-Qorti kellha opportunita', li apparti tisma' xi provi, tqis il-posizzjoni rispettiva tal-partijiet billi teżamina d-dokumenti u provi, u kif ukoll għamlet aċċess fuq il-propjetajiet rispettivi. Dan l-aċċess ta opportunita' lill-Qorti sabiex anke tiġi kkunsidrata l-perspettiva fattwali ta' dak li qed issostni kull parti.

Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet magħmula, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni, li ai fini ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti irnexxilhom jipprovaw li għandhom *prima facie* dritt li jittitulaw il-pretensjonijiet tagħhom limitatament għall-ftuħ ta' twieqi u aperturi ġodda li ser ikunu kostruwiti u li jħarsu għal ġewwa l-bitħa u shafts tal-propjeta' tar-rikorrenti. Kwantu għall-aperturi li jħarsu għal ġewwa x-shafts, dik diġa' esistenti fl-arja li ser tinbena u li tinsab fil-kamra ta' fuq il-bejt tal-fond tal-intimati (ara osservazzjoni tal-Qorti waqt l-aċċess a' fol 88), sakemm fil-bini li għandu jittella' fuq din l-arja, din tibqa' fejn hi u tal-istess daqs, din l-apertura ma hiex milquta minn dan il-mandat.

Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, il-Qorti, fil-waqt li qed tikkonferma d-digriet provisorju tagħha tas-17 ta' Jannar 2020, b'dana pero' limitatament u biss fir-rigward ta' ftuħ ta' aperturi li ser ikunu jħarsu għal fuq il-bitħa tal-fond tal-intimati u ċioe` tal-maisonette bin-numru uffiċjali 77, ġja' 90, bl-isem ta' "December Dream", Triq il-Kultellazz,

Mosta  u kif ukoll għall-aperturi li ser ikunu jħarsu għal fuq is-shafts mertu ta' dawn il-proċeduri, salv għal dak li ngħad dwar dik l-apertura li tinsab fil-kamra tal-bejt tal-fond tal-intimati u ċioe` 75, ġja` numru 92, bl-isem ta' Kingston, Triq il-Kultellazz, Mosta li tħares għal ġewwa shaft u tilqa' għalhekk definittivament it-talbiet tar-rikorrenti limitatament għal twieqi u aperturi kif spjegat u tiċħadhom inkwantu jirrigwarda l-ilmenti l-oħra.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri jibqgħu riservati għal mal-ġudizzju finali.

**Mogħti kameralment illum 5 ta' Frar, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**